# KULLEĠĠ SAN NIKOLA

**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**

**Frar 2014**

**IR-RABA' SENA** **L-ISTUDJI SOĊJALI** **IL-ĦIN: Siegħa u Kwart**

Marka Totali

L-Isem: ____________________ Il-Klassi: __________

**A. Imla l-vojt b'waħda minn dawn il-kelmiet.** (8 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| ferħanin | ġlied | karattru | fiha nnifisha |
| ħbieb | gost | jgħinu | tgħaddi |

1. Tifla egoista taħseb biss ____________________________.

2. Meta nkunu magħqudin bħala familja nħossuna aktar ____________________________.

3. Grupp ta' ħbieb ikun b'saħħtu meta l-membri tiegħu ____________________________ lil xulxin.

4. Aħna għandna nkunu ____________________________ ma' kulħadd.

5. L-imġiba tagħna turi l- ____________________________ tagħna.

6. Meta nkun ma' sħabi m'għandhiex dejjem ____________________________ tiegħi.

7. Il- ____________________________ ma jagħmel ġid lil ħadd.

8. Nieħdu aktar ____________________________ meta nilagħbu u niftehmu bejnietna.

**B. Ikteb l-istaġuni taħt l-istampi.** (4 marki)





______________________ ______________________





______________________ ______________________

**Ċ. Imla l-vojt b'waħda minn dawn il-kelmiet:** (10 marki)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Settembru | Ix-xitwa | jiqsar | xita | Ġunju |
| frisk | s-sajf | fjuri | jiksaħ | Marzu |

1. Il-ħarifa tibda fil-21 ta' ______________________________.
2. Il-ħarifa tiġi wara ______________________________.
3. Il-jum jibda ______________________________ u jibda jidlam kmieni.
4. ______________________________ tibda fil-21 ta' Diċembru.

5. It-temp fix-xitwa ______________________________ sew u tagħmel ix-______________________________.

6. Ir-rebbiegħa tibda fil-21 ta' ______________________________.

7. F'dan l-istaġun il-ġonna jkunu mimlijin bil-______________________________ u bis-siġar.

8. Is-sajf jibda fil-21 ta' ______________________________.

9. Fis-sajf nieklu ikel ______________________________ minħabba s-sħana

**D. Agħżel it-tajba billi taqta' sing taħtha.** (14–il marka)

1. Dun Karm kiteb ħafna poeżiji bil-(Franċiż, Malti, Għarbi).
2. Dun Karm Psaila u Dun Mikiel Xerri kienu (tobba, periti, qassisin).
3. Dun Karm u Dun Mikiel Xerri twieldu f' (Ħaż-Żebbuġ, Ħ'Attard, Tas-Sliema).
4. L-uniku ħabib li kellu Dun Karm Psaila kien (kelb, kanarin, qattus).
5. Dun Karm Psaila kellu mħabba kbira lejn (il-lingwa Maltija, l-iskola, id-dar).
6. Robert Samut kiteb il-mużika tal-Innu (tal-kulleġġ, Malti, tal-festa).
7. Dun Mikiel Xerri ried ikeċċi minn Malta (lill-Ingliżi, lill-Franċiżi, lill-Ġermaniżi).

8. Dun Mikiel Xerri u sħabu jibqgħu magħrufin (għall-qlubija, għall-ġenerożità, għas-sinċerità) tagħhom.

9. Lil dawn in-nies aħna nsejħulhom (għalliema, patrijotti, presidenti) għax mietu (għall-baħar, għal pajjiżhom, għas-siġar).

10. Il-monument ta' Dun Karm Psaila jinsab (il-Belt Valletta, l-Imdina, il-Furjana), filwaqt li dak ta' Dun Mikiel Xerri u sħabu jinsab (l-Imdina, il-Furjana, il-Belt Valletta).

11. Dun Karm Psaila u Dun Mikiel Xerri jgħallmuna li għandna nħobbu (lill-ħelu, lill-iskola, lil pajjiżna).

12. L-Innu Malti kitbu (Dun Mikiel Xerri, Dun Karm Psaila, Dun Frans Camilleri).



**E. Qabbel bin-numri. Ara l-eżempju.** (10 marki)



**Għand min irrid immur meta:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | ikolli bżonn ħaxix u frott frisk | | dentist |
| 2 | irrid nimla sinna | | mastrudaxxa |
| 3 | nsewwi mejda tal-injam | | kantant |
| 4 | għandi dahri juġagħni | | qassis |
| 5 | irrid inqerr | | bennej |
| 6 | għandi diffikultà fl-iskola | | parrukkier |
| 7 | nitlef xi ħaġa prezzjuża fit-triq | 1 | ***bidwi*** |
| 8 | għandi bżonn xi kant għal festin | | ġardinar |
| 9 | irrid lil min isebbaħli l-ġnien | | pulizija |
| 10 | irrid nibni dar | | tabib |
| 11 | irrid naqta' xagħri | | għalliem |

**F. Għid x'jisimhom dawn l-istrumenti tat-temp u kompli s-sentenzi biex tikteb għaliex jintużaw.** (12 il-marka)

Dan huwa ______________________________

Dan jintuża ______________________________

______________________________

______________________________



Dan huwa ______________________________

Dan jintuża ______________________________

______________________________

______________________________



Dan huwa ______________________________

Dan jintuża ______________________________

______________________________

______________________________




Dan huwa ______________________________

Dan jintuża ______________________________

______________________________

______________________________



**Ġ. In-Normanni.** (10 marki)

**Ikteb in-numri biex tgħaqqad dawn is-sentenzi. L-ewwel waħda lesta.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-pajjiż tan-Normanni | | kien hawn l-Għarab jikkmandaw. |
| 2 | Meta ġie Malta l-Konti Ruġġieru | | il-gżira t'Għawdex. |
| 3 | Il-Konti Ruġġieru | 1 | ***huwa n-Normandija.*** |
| 4 | In-Normanni kienu | | ġie Malta minn Sqallija. |
| 5 | Il-Konti Ruġġieru qatta' ħajtu | | riedu jħallsu l-ħaraġ lin-Normanni. |
| 6 | Permezz tar-rebħa tal-Konti Ruġġieru | | bdew isiru jixbhu lil dawk tal-Ewropa. |
| 7 | Il-Konti Ruġġieru kien wieħed | | ġellieda tajbin u mħarrġa sew fil-ġlied. |
| 8 | L-Għarab u l-Maltin | | jiġġieled l-għedewwa tal-Insara. |
| 9 | Il-ħaraġ kien | | l-fidi nisranija saret iktar b'saħħitha f'Malta. |
| 10 | F' dak iż-żmien il-kultura u d-drawwiet tagħna | | minn ħafna mexxejja barranin li ħakmu lil Malta. |
| 11 | Wara Malta, in-Normanni ħadu wkoll taħt idejhom | | jitħallas bil-fidda. |



**G. Ikteb VERU jew FALZ ħdejn is-sentenzi. Ara l-eżempju.**

(5 marki)



**radju**



**internet**



**ittra**



**televixin**



**telefown**

| | |
|---|---|
| 1. Permezz tat-telefown tista' tikkomunika bil-kliem ma' nies 'il bogħod u tieħu risposta dak il-ħin stess. | ***Veru*** |
| 2. Permezz tal-ittra tista' tisma' lin-nies jitkellmu u tweġibhom lura mill-ewwel. | |
| 3. Fuq r-radju ssib informazzjoni miktuba li tgħinek fi proġett għall-iskola. | |
| 4. Permezz tat-televixin tista' tara u tisma' l-aħbarijiet. | |
| 5. Permezz tal-internet tista' tibgħat e-mail. | |
| 6. Permezz tat-telefown tista' tkellem jew tibgħat informazzjoni u ritratti fi ftit ħin u lil min trid. | |

**Għ. Qabbel in-numru ta' fuq l-istampa mas-sentenza t-tajba. L-ewwel waħda lesta.** (6 marki)




| Stampa | Sentenza |
|---|---|
| | Mis-sħab tibda nieżla x-xita. |
| | Ix-xita tinżel fuq l-art u fil-baħar u minn hemm ix-xemx terġa' tibda tixrob l-ilma. |
| 1 | ***Bis-sħana tax-xemx l-ilma jevapora u jsir fwar.*** |
| | Meta jiksaħ, l-ilma li jkun fl-arja jsir sħab. |

**H. Imla l-vojt f'din il-warda ta' rjieħ.** (5 marki)




**Ħ. X'għandi nagħmel f'dawn is-sitwazzjonijiet?** (6 marki)

1. Ikun hemm mara xiħa bil-wieqfa fuq il-karozza tal-linja. X'nagħmel?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Hemm tifel jew tifla li fil-brejk dejjem ikunu weħidhom. X'nagħmel?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Fil-bitħa tal-iskola nsib ġakketta u ma nafx ta' min hi. X'nagħmel biha?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**I. Ikteb 5 sentenzi fuq WIEĦED minn dawn.** (10 marki)



**1. Dun Mikiel Xerri.**
(Ikteb min kien, fejn kien joqgħod, x'kien jagħmel, għaliex baqa' imfakkar, għaliex jissejjaħ patrijott Malti.)

**2. Ir-raħal fejn noqgħod.**
(X'issib f' dan ir-raħal? Liema huma l-irħula li jmissu miegħu? X'festa tiġi ċċelebrata?...)



**3. Id-drawwiet tal-Milied f'Malta.**
(Xi drawwiet għandna? Kif inżejnu? Liema hu l-ikel tradizzjonali Malti fi żmien il-Milied?)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

TMIEM IL-KARTA